maltarightnow.com

# Sal-2010, 10% ta' l-enerġija tkun ġejja minn sorsi alternnattivi

*5/15/2008 4:56:31 PM*
*Awtur: Neil CAMILLERI*



L-użu ta' enerġija effiċjenti u l-aċċessibilita huma żewġ prijoritajiet għall-periti tal-lum. Dan intqal waqt seminar tal-Kamra tal-Periti bit-tema Disinn għall-Aċċessibilita', li jfisser aċċessibilita għal kullħad jew aċċessibilita' universali.

Dan is-seminar sar b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'diżabilita'. Il-Ministru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali George Pullicino tkellem dwar il-viżjoni tal-Gvern għall-2015 u qal li b'konnessjoni ma' din il-viżjoni hemm bżonn li nibqgħu nħarsu l-ambjent rurali. Hu qal li Malta għanda wkoll id-dmir li tnaqqas l-emissjonijiet tal-Carbon Dioxide b'20% sal-2020 u sal-2010 tkun qed tiġġenera 10% ta' l-enerġija minn sorsi alternattivi.

Il-Ministru tal-Politika Soċjali John Dalli qal li huwa mportanti li jsiru seminars bħal dan għaliex hemm bżonn li t-tekniċi tal-bini jimxu maż-żminijiet u mal-ħtiġiet tal-lum. John Dalli qal li l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilta' ilha għal żmien twil taħdem mhux biex tbiddel il-mod kif in-nies jgħixu iżda biex tbiddel l-ambjent li dawn jgħixu fih.

© 2004 - Media.Link Communications Co. Ltd - www.maltarightnow.com